## 23 ta' Mejju, 1958

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Pawlu Sammut

**Intimidazzjoni — Uffiċjal Publiku.**

*Għall-finijiet tal-ħtija ta' intimidazzjoni, il-kliem u l-aġir tal-imputat ma għandhomx jitqiesu daqs kieku ngħadu iżolatament, imma għandhom jiġu peżati fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha li kienu qegħdin jiżvolġu ruħhom f'l-mument li hu tkellem u aġixxa b'dak il-mod. Jekk fiċ-ċirkustanzi il-kliem tal-imputat jakkwista effett li jkompli jkkrea f'moħħ l-interessati biża' raġjonevoli ta' periklu kif issemmi l-liġi, allura hu ħati ta' intimidazzjoni. Għax min jgħid kliem simili għandu loġikament jieħu r-responsabbiltà tal-effett ta' kliem kif dan l-effett għandu jkun, u ma setgħax ma jipprevedix li jkun, fiċ-ċirkustanzi ta' post u ħin li kien qiegħed jgħidhom.*

*Iċ-ċirkustanza li l-imputat huwa mpjegat mal-R.A.F. mhix raġuni biex tiġi mitigata l-piena favur l-imputat. L-ispiritu tal-Liġijiet Kriminali hu pjuttost dak li, meta l-imputat hu mpjegat ta' xi branka publika, ċivili jew militari, in-nuqqas tiegħu għandu jiġi rigwardat bħala gravjuri.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fir-Rabat, fit-28 ta' April 1958, publikament xewwex persuni oħra biex jiksru l-liġi, u bil-ħsieb li jġiegħel lil xi ħadd li ma jagħmelx xi ħaġa illi dan il-bniedem l-ieħor għandu jedd bil-liġi li jagħmel jew li ma jagħmelx, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, beżża lil dak il-bniedem l-ieħor u għasses l-imkejjen fejn kien jaħdem jew imexxi n-negozju tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Mejju 1958, li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni, u in vista tal-fatt ta' kemm ilu detenut u arrestat ikkundannatu għall-priġunerija għal żmien għoxrin ġurnata;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ix-xhud Carmelo Fenech xehed li dak inhar ta' li strike hu kien jaħdem bħala driver ta' char-a-banc fuq il-linja tar-Rabat. Kif tela' mill-Belt mill-ewwel vjaġġ, għal xi t-tmienja ta' filgħodu jew it-tmienja u nofs, u pparkja l-karrozza taħt is-siġar fil-pjazza tas-Saqqaja, hu ra ġemgħa ta' nies ħdejn il-kjosk tat-telefon. F'din il-ġemgħa ta' nies kien hemm l-imputat, u x-xhud semgħu jgħid il-kliem "*Żarmaw, għax jekk ma żżarmawx inżarmawkhom aħna, u nkellmukhom wara*";

Ix-xhud Francis Vassallo qal . . . . . ;

Ix-xhud John Micallef ukoll ra lill-imputat fil-folla . . . . . . ;

Ix-xhud William Micallef qal . . . . . ;

Antonio Sammut, hu l-imputat, xehed li sama' lill-imputat jgħid "*Jaqbel iżżarmaw, għax isfel hemm ħafna nkwiet*";

L-imputat ikkonferma li "statement" tiegħu li għamel quddiem il-Pulizija, fis-sens li qal li dak li "statement" hu korrett. Dan hu d-dokument "A" fol. 4. F'dan li "statement" l-imputat qal li hu jaħdem bħala fitter mal-R.A.F. Ħal-Luqa, però dak inhar ma ħademx. Xi kwarta fuq is-sebħ kien is-Saqqaja . . . . ;

Ikkunsidrat;

Ma hemm ebda kontradizzjoni bejn ix-xhieda ta' Fenech, Vassallo u Micallef, minn naħa waħda, u dik tal-imputat u ż-żewġ xhieda tiegħu minn naħa l-oħra; għaliex l-istess imputat jgħid . . . Del resto, l-atteġġjament tal-imputat, dak inhar, hu faċilment deżumibbli mhux biss

*minn dak stess li qal hu, li ċjoè minn kmieni, x'ħin kellhom* jibdew jaħdmu l-buses, hu, li dak inhar ma ħademx, mar fuq is-Saqqajja, fejn hemm il-qalba tal-buses, u fejn qal il-kliem riportati lill-folla, imma anki mix-xhieda ta' Lorenzo Cassar, li xehed li dak inhar hu kien fuq is-Saqqajja u sama' lill-imputat jgħid:— "Mhux sejrin jgħalqu dawn l-erbgħa ħwienet?" — kliem suffiċjentement sinifikattivi;

Intqal mid-difiża li d-drivers ma beżgħux u ma żarmawx għax l-imputat qal dawk il-kliem, imma għaliex kienu *qegħdin jaraw lill-buses tal-linja jitilgħu vojti mill-Belt*, u għax kulħadd kien qiegħed jgħid "Sejrin inżarmaw". Din l-osservazzjoni tad-difiża hi superata bir-riflessjoni ta' bonsens li f'ċirkustanzi simili l-kliem tal-imputat ma għandhomx jitqiesu daqs kieku ingħadu iżolatament, imma għandhom jiġu peżati fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha li kienu qegħdin jiżvolġu ruħhom dak il-mument. Jekk dak il-ħin kienu qegħdin jirritornaw mill-Belt karrozzi tal-linja u kienu qegħdin isemmu l-inkwiet in-naħa tal-Belt (u l-imputat fil-"statement" tiegħu jgħid li kien jaf b'dan), b'daqshekk il-kliem tal-imputat kienu qegħdin jakkwistaw effett aktar; u appunto minn igħid kliem simili loġikament għandu jieħu r-responsabbiltà tal-effett ta' kliemu kif dan l-effett għandu jkun, u ma jistgħax ma jipprevedix li jkun, fiċ-ċirkustanzi ta' post u ħin li jkun qiegħed jgħidhom. Il-kliem tiegħu f'dak l-ambjent kienu indubbjament tali li jkomplu jikkreaw u jikkontribwixxu biex jikkreaw f'moħħ l-interessati dik ir-"reasonable apprehension" li jsemmi l-art. 20 tal-liġi in materja;

Ikkunsidrat;

Ġiet imsemmija, bħala raġuni biex tiġi mitigata l-piena, iċ-ċirkustanza li l-imputat hu impjegat mal-R.A.F. L-ispiritu tal-Liġijiet Kriminali, kif jidher minn diversi dispożizzjonijiet "passim", hu pjuttost dak li, meta l-imputat hu impjegat ta' xi branka publika, ċivili jew militari, innuqqas tiegħu għandu jiġi rigwardat bħala gravjuri;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. *Tordna li fl-espjazzjoni* tal-piena jitnaqqas iż-żmien li l-imputat ilu taħt arrest

miż-żmien tas-sentenza appellata l-hawn, peress li ż-żmien ta' qabel ġie diġà meħud in konsiderazzjoni mill-Maġistrat, kif hemm "expliciter" dikjarat fis-sentenza stess.